# Beati u Qaddisin....Ottubru

## SANTA TEREZA MINN AVILA

## OTTUBRU 18

Tereza minn Avila twieldet fis-sena 1515 u kellha sentejn meta fuq il-bibien tal-Katidral ta' Wittenberg (31 ta' Ottubru 1517) twahhlu it-tezi ta' Luteru kontra l-bejgh ta' l-indulgenzi.




Fis-seklu tar-Rifroma Protestanta, Tereza ddistingwit ruhha ghal opra taghha ta' riforma fl-ordni karmelitan. Tereza ta' Gesu' damet soru ghal aktar min ghoxrin sena fil-monasteru ta' l-Inkarnazzjoni gewwa Avila fejn ir-regola tal-Karmelu kienet illaxkat sew. In-numru kbir ta' sorijiet, il-frequenza tal-vizti fil-parlatorju,

certa disorganizzazzjoni fit-tqassin tad-doveri kienu jfixklu wisq il-hajja kontemplattiva ta' dawk li r-rieda taghhom kienet dghajfa.
Tereza ghaddilha minn mohha li twaqqaf klawsura stretta: fl-24 ta' Awissu 1562 ir-riforma terezjana hadet hajja gdida fid-dar zghira ta' San Jose'. Is-soru mistika fehmet li f'dawk iz-zminijiet li fihom il-Knisja ta' Kristu tant kienet feruta, ir-risposta taghha kellha tkun fedelta' assoluta lejn Alla bhala bint u gharusa Tieghu bis-sahha ta' regola religjuza. Kellha tghix il-Fidi fit-totalita' taghha u Alla inqeda' biha biex iwettaq il-pjani divini tieghu.
Kienet taf li jekk tkun tas-Sinjur, hija takkwista grazzji mill-Omnipotenza Tieghu ghall-Knisja li f'dawk iz-zminijiet kienet mifnija bix-xizmi, korruzzjoni u infedelta': doni ta' grazzji ghall-Papa, ghas-sacerdoti, ghall-missjunarji u anke ghall-fidili kattolici.
Il-kommunita'ckejkna tal-Karmelitani Skalzi kienet tati xhieda ta' qdusija hekk awtentika li hafna zaghzagh talbu biex ihaddnu dik il-hajja fejn l-awsterita' u l-ferh, il-hlewwa u s-solitudni kienu s-sisien ta' hajja monastika.
Dak li Tereza dahhlet fl-Ordni ma kienx serje ta' ligijiet, imma ghaqda profonda bejn il-hajja mistika u l-hajja appostolika.
Sitt xhur wara dik il-lejla tas-sena 1566 fejn kellha intuizzjoni li l-opra taghha kellha tkompli, padre Rubeo, Superjur Generali  ta' l-Ordni tal-Karmelu, waqt zjara li ghamel fil-kunvent ta' San Guzepp, mirbuh mill-fidi u l-intelligenza u l-hegga ta' Madre Tereza ta' Gesu' awtorizza lil Madre li tiftah tant monasteri daqs kemm mehtieg.
Santa Tereza kienet konvinta li l-monasteri jirnexxu daqs kemm ikollha success ir-riforma jekk is-sorijiet ikunu

immexxija minn diretturi spiritwali, sostenuti minn konfessuri u ubbidjenti lejn ir-regola.
Ta' 52 sena hija tat bidu ghall-mixja ohra fil-hajja religjuza taghha. Kienu qed jitwaqqfu hafna monasteri u l-qaddisa ma rathiex bi kbira biex tivvjagga fil-kesha, jew fis-shana, fuq dahar ta' xi baghal jew karru mikxuf. Kienet titlob bla ma taqta' u timmedita. Kienet tinnegozja artijiet biex fuqhom jitilghu l-kunventi, tithabat ma' l-awtorita' biex ituha l-permessi halli dan jista' jsir u tfittex min jista' jghinha.
Fi-sena 1567 iltaqghet ma' zaghzugh li li studja gewwa Salamanka u gie ordnat sacerdot. Kien qed ihejji ruhu biex jidhol ma' ordni tal-patrijiet: kien jismu Giovanni ta' San Mattija.
Madre Tereza ta' Gesu' indunat mill-ewwel li quddiemha kellha ruh maghzula minn Alla u talbitu biex ibiddel hsibijietu. Allura Giovanni libes il-libsa tal-Karmelitani Skalzi u kien jakkumpanja lill-fundatrici fil-vjaggi taghha.
Mis-sena 1577 il-kunflitt bejn dawk li kienu laxki u dawk li riedu osservanza skont ir-regola originali kibret u qlielet.
Il-mewt tal-protettur tal-Karmelitani Riformati, in-nuzju Nicolas Ormaneto halla lil Tereza nieqsa minn kull appogg. Floku lahaq Filippo Sega ghadu tar-riformisti. Madre Tereza giet maqfula fil-kunvent ta' San Guzepp filwaqt li San Gwann tas-Salib gie arrestat. Sega pogga lill-kunvent tar-Riforma taht dawk li riedu regola laxka.
Tereza ma cedietx u talbet il-protezzjoni tar-Re Filippu II ta' Spanja biex issalva r-Riforma kemm tas-sezzjoni maskili kif ukoll ta' dik femminili.
Fis-sena 1580 Papa Girgor XIII qieghed lill-Karmelitani Skalzi fi provincja separata u hekk temm lotta ta' ghaxar snin bejn iz-zewg partijiet.

Il-kuragg ta' Santa Tereza gab il-frott mixtieq.